MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-2 ta' Novembru, 2001

Avvi$Z Numru. 443/2001/1

Citazzjoni Nru.: 443R/01

Anthony Galea

Vs.

Felice Sammut

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta:

1) Illi b'avviz numru 2244/98 ipprezentat fit-18 ta' Novembru, 1998 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Felice Sammut talab li Anthony Galea, l-attur odjern, jigi kkundannat li fi zmien qasir u perentorju jizgombra mill-ghalqa denominata tal-Blata tal-Melh fil-Bahrija u jhott il-mansab li hemm fl-istess ghalqa, liema ghalqa hi okkupata mill-attur bi qbiela, u liema att u okkuppazzjoni

qieghed jigi mwettaq abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi. Bl-ispejjes u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni. Ghall-fini ta' kompetenza gie ddikjarat li l-valur tal-meritu ma jeccedix il-hames mitt lira Maltin (Lm500); u

2) Illi b'sentenza moghtija fid-19 ta' Frar 2001 fl-ismijiet "Felice Sammut vs. Anthony Galea", l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta), wara li rat in-nota ta' mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (art. 698 u 702(3)(b) Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili), billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx fil-5 ta' Frar, 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas illum, in-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra, iddecidiet il-kawza billi laqghet it-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u kkundannat lill-esponent sabiex sad-19 ta' April 2001 jizgombra mill-ghalqa denominata tal-Blata tal-Melh fil-Bahrija u jhott il-mansab li hemm fl-istess ghalqa, liema ghalqa hi okkupata mill-attur bi qbiela u liema atti u okkupazzjoni qed jigu mwettqa abbuzivament u minghajr ebda titolu validu fil-ligi da parti tal-istess konvenut, u;

3) Illi l-attur sar jaf b'din is-sentenza moghtija kontra tieghu u bil-fatti li minhabba fihom qed tintalab ir-ritrattazzjoni wara li kien ghadda t-terminu ghall-prezentata ta' appell, u;

4) Illi mart l-attur hija muta u truxa u ghalhekk ma laqghetx in-notifika regolarment fid-dar ta' residenza, u;

5) Illi fl-ewwel lok, l-attur ihossu aggravat b'din is-sentenza billi d-dettami ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 sabiex in-notifika tkun tista' ssir bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ma gewx segwiti 'ad unguem'. Fil-fatt, in-notifika mitluba kienet biss "permezz tal-

pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern" minghajr ma intalbet u minghajr ma saret il-pubblikazzjoni fil-gazzetta jew gazzetti lokali, kif rikjest mil-ligi sabiex issir notifika valida ai termini ta' l-artikolu 187(3) tal-Kap. 12 u minghajr l-ebda ordni ghat-twahhil ta' kopja ta' l-avviz fil-belt fejn is-soltu jitwahhlu l-atti ufficjali u minghajr l-ebda ordni ghat-twahhil ta' kopja ta' l-avviz mal-bieb tar-residenza ta' l-istanti. Fil-fatt l-imsemmi subinciz (3) jipprovdi:

*"…..il-qorti tista` tordna illi n-notifika ssir billi titwahhal kopja ta' l-atti fil-post, fil-belt jew fid-distrett fejn soltu jitwahhlu l-atti ufficjali, u billi dik l-iskrittura jew att jinhargu fil-qosor fil-Gazzetta u f'gurnal ta' kuljum wiehed jew iktar minn wiehed skond kif il-qorti tiddeciedi u, meta jkun possibbli, jekk il-post tar-residenza jkun maghruf, billi titwahhal kopja ta' l-iskrittura mal-bieb ta' dik ir-residenza. Il-qorti tista` wkoll tiehu dawk il-mizuri ohra li jkunu jidhrulha xierqa sabiex l-iskrittura jew l-att issir taf bihom il-persuna li lilha ghandhom ikunu nnotifikati. …..", u;*

6) Illi dan in-nuqqas ta' osservanza tad-dettami tal-ligi dwar notifika mehtiega 'ad validitatem', stante li ppregudika serjament is-salvagwardji procedurali mahsuba fil-ligi ghall-beneficcju tal-persuni mharrka, jaghti lok ghal talba ghal ritrattazzjoni a tenur ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12, jigifieri, *"jekk ic-citazzjoni ma tkunx giet innotifikata lill-parti telliefa, basta li din il-parti, ghad li ma tkunx giet innotifikata, ma tkunx dehret fis-smiegh tal-kawza"*, u;

7) Illi fit-tieni lok, l-attur ghandu interess li jiddefendi ruhu fil-kawza stante li hu personalment qatt ma seta` jigi kkundannat dwar il-fatti pretizi minn Felice Sammut, peress illi l-istanti Anthony Galea huwa wkoll direttur u azzjonist fis-socjeta` Eliza Company Limited li hija proprjetarja assoluta ta' l-istess art maghrufa bhala Tal-Blata tal-Melh fil-Bahrija li tifforma parti minn territorju ferm ikbar li jappartjeni kollu lil Eliza Company Limited. Ghalhekk, l-imsemmi Felice Sammut heba dawn il-fatti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u, kieku zvelahom, ma kienx

jottjeni sentenza kontra Anthony Galea personalment stante li dan dejjem agixxa ghan-nom ta' Eliza Company Limited, u;

8) Illi din ic-cirkostanza materjali ghall-ezitu tal-kaz li dwarha l-Qorti giet indotta fl-izball minn Felice Sammut ukoll taghti lok ghal talba ghal ritrattazzjoni a tenur ta'

l-artikolu 811(1) tal-Kap. 12, jigifieri, "*jekk is-sentenza kienet effett ta' zball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawza. Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-izball fil-kaz biss li d-decizjoni tkun ibbazata fuq is-suppozizzjoni ta' xi fatt li l-verita` tieghu tkun bla ebda dubju eskluza, jew fuq is-supposizzjoni li ma jezistix xi fatt, li l-verita` tieghu tkun stabbilita pozittivament, basta li, fil-kaz il-wiehed u l-iehor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun gie deciz bis-sentenza,* u;

9) Talab illi din il-Qorti tordna illi t-talba ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811(b) tal-Kap. 12 tigi milqugha u li s-sentenza tad-19 ta' Frar 2001 fl-ismijiet "Felice Sammut vs. Anthony Galea" moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-19 ta' Frar tal-2001, tigi mhassra, revokata u annullata, u illi l-kawza tigi mismugha mill-gdid fil-meritu.

10) Bl-ispejjes kontra Felice Sammut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attur;

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici;

Ghaldaqstant, wara li semghet lill-attur Anthony Galea bil-gurament issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u ghaldaqstant qeghda tilqa` t-talba attrici u tordna r-ritrattazzjoni tal-kawza deciza mid-19 ta' Frar, 2001 fl-ismijiet 'Felice Sammut vs. Anthony Galea', moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fid-19 ta' Frar, 2001, prevja li qeghda tiddikjara li din il-kawza ghandha tigi mhassra, evokata u annullata, u;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

---------------------------------TMIEM---------------------------------